**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Marc Luigi Alwan**

Numru: 29/2017

Illum 13 ta' Frar 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Marc Luigi Alwan,** ta' dsatax (19)-il sena, iben Jamal Sedigh u Sharon nee' Spiteri, imwieled Pieta', Malta nhar id-9 ta' Frar 1998, u residenti fil-fond 'Alfina', Flat 14, Triq Manwel Magro, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 124098(M), akkuzat talli nhar it-30 ta' Gunju 2017 ghall-habta tas-6.00 ta' filghaxija u/jew fil-hinijiet ta' qabel gewwa Triq il-Qbajjar u/jew fil-vicinanzi f'Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex u f'dawn il-Gzejjer;

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe` li jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Franswa Mizzi, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u dan bi ksur tal-Artikoli 41, 216 u 222 tal-Kapitlu 9;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi permezz tal-istess daqqa ta' strument li jaqta' u bil-ponta, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Franswa Mizzi hekk kif iccertifika Dr. Julian Portelli M.D.;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hedded bil-fomm u b'mezzi ohra lill-istess Franswa Mizzi b'delitt, fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi talli ghamel uzu ta' xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih gie provdut jew xorta ohra naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjoni jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew, mill-imsemmi apparat u dan bi ksur tal-Artiklu 35 (1) (D) tal-Kapitolu 339 tal-Ligijiet ta Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi gewwa l-Gzira ta' Ghawdex saq mutur tal-ghamla Yamaha bil-pjanca tar-registrazzjoni FAL136, minghajr ma kellu l-licenzija tas-sewqan, mahruga mill-awtorita' kompetenti;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq mutur tal-ghamla Yamaha bil-pjanca tar-registrazzjoni FAL136, meta ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni;

9. U aktar talli kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena b'sentenza moghtija nhar l-01 ta' Frar 2017 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), liema sentenza hija definitiva u ma tistax tinbidel;

10. U aktar talli kiser ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti ta' Ghawdex (Magistrat Dr. Paul Coppini LL.D.) nhar il-15 ta' Frar

2016, li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn liema sentenza hija definitiva u ma tistax tinbidel;

11. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi hu kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti ta' Malta jew tal-Qorti ta' Ghawdex, liema sentenzi saru definitivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Franswa Mizzi minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412 C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Franswa Mizzi u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 235) datata 2 ta' Lulju 2018 li permezz taghha baghat lill-imputat Marc Luigi Alwan biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Fl-Artikoli 41 (1) (a) (b), 31, 214, 215, 216 (1) (a) (ii) (iii) (iv) (b) (c) (d) (2), 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-Artikoli 214, 215, 217, 221 (1) (2) (3) (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-Artikoli 6, 51 (7) (9), 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-Artikoli 249 (1) (2) (3), 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Fl-Artikolu 48 (1) (d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Fl-Artikolu 15 (1) (a) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) Fl-Artikolu 3 (1) (1A) (2) (a) (2A) (2B) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) Fl-Artikoli 23 (1) (a) (2) (4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) Fl-Artikoli 23 (1) (a) (2) (4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(k) Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(l) Fl-Artikoli 7, 8, 9, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18, 19, 20, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(m) Fl-Artikolu 412 (C), 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-3 ta' Lulju 2018 (*a fol.* 236 u 237), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-2 ta' Lulju 2018, u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Nhar il-Ġimgħa, tletin (30) ta' Ġunju 2017, il-Pulizija ġew informati illi kien seħħ inċident f'Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u li persuna kienet allegatament sfat feruta bi strument li jaqta u bil-ponta. Il-Pulizija mill-ewwel bdiet bl-investigazzjonijiet tagħha b'rabta ma' dan ir-rapport. Ġie infurmat ukoll il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Paul Coppini li min-naħa tiegħu immedjatament ordna l-ftuħ ta' inkjesta maġisterjali. Il-każ gie investigat mill-Ispettur Bernard Charles Spiteri.

Il-Qorti tqis li x-xhieda li taw ix-xhieda ewlenin fl-inkjesta ghandha tinghata piz u dan ghaliex il-memorja tax-xhieda kienet friska u dak li xehdu se jigi mqabbel max-xhieda taghhom tul dawn il-proceduri.

Il-Qorti nnutat li fis-seduta tat-13 ta' Frar 2018 Franswa Mizzi hafer lill-imputat u qal li hu kull ma hu interessat jithalla fil-kwiet u m'ghandux interess fi proceduri kriminali u qieghed jirrinunzja ghal

dak rinunzjabbli. Il-Qorti se tiehu inkonsiderazzjoni din id-dikjarazzjoni meta tkun qeghda tiddeciedi dwar il-kaz.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-imputat ma riedx li f'dawn il-proceduri jkollu avukat ta' fiducja tieghu biex jiddefendih. Huwa rrifjuta wkoll l-avukat tal-ghajnuna legali li provdietlu l-Qorti.

Il-Qorti irrispettat din ix-xewqa tal-imputat.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI

### Oneru tal-Prosekuzzjoni

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment

kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**<u>Prezunzjoni tal-innocenza</u>**

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal perezempju d-difiza tal-insanita'.

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is-segwenti:

> "*every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty...*"

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet **'Il-Pulizija v Michele Borg et'** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

> "*illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament*

*d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.'* "

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament prezunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reati partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

**L-ghodda biex tiddeciedi**

Din il-Qorti hija f'pozizzjoni vantaggjuza hdejn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet il-process kollu u ghalhekk hija f'pozizzjoni li tanalizza l-komportament tax-xhieda kollha li xehdu *viva voce*, tezamina l-

imgieba u l-komportament taghhom, u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Il-Gudikant li jrid jaghzel il-verzjoni l-aktar kredibbli minghajr dubju dettat mir-raguni.

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti*.[1]

F'Decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija *vs* Charles Bianco**[2] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkażjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara

[1] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[2] Appell Kriminali Numru. 115/2006

> dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verżjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

Illi skond l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota li mhux kull kunflitt fil-provi bilfors ghandu jwassal ghal-liberatorja, izda l-Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha fl-isfond tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali.

Di fatti, fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Joseph Thorne**, moghtija fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet hekk:

> "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi

> skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".

Illi Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz".

L-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor huwa l-apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif kien hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta u evidentement giet emmnuta, id-dover tal-Qorti huwa li tasal ghad-decizjoni taghha kif se taghmel.

**XHIEDA**

Ix-xhud **<u>Derrick Vella</u>** qal illi hu, flimkien ma' Franswa Mizzi u Vanissia Alwan kienu għadhom kemm waslu l-appartament ta' Vanissia, fi Triq tan-Naħla, Marsalforn, meta Vanissia qaltilhom sabiex imorru jixtru l-ħalib għat-tifla mis-*supermarket*. Ix-xhud spjega illi x'ħin waslu quddiem garaxx qrib *Galea Supermarket*, semgħu l-ħoss ta' *brake*, u għarfu lil Mark Alwan, li kien ġej min-naħa tal-Qbajjar. Hekk kif Alwan wasal ħdejhom, kompla jgħid ix-xhud, dan kien pront tefa' l-mutur fl-art u ħebb għal Franswa. Ix-xhud seta' jara illi Alwan kellu sikkina f'id minnhom, u kellu l-impressjoni li s-sikkina kienet vjola. Ix-xhud sema' lil Alwan jgħid lil Mizzi, *"Issa nurik jien x'nasal nagħmel"*, u kien f'dan il-punt illi bdew jiġġieldu. Mizzi daħal fid-*drive-way* ta' garaxx biex jipprova jevita illi jiġi milqut, iżda, skont ix-xhud, Alwan baqa' jagħtih bis-sikkina, b'mod illi x-xafra kienet tisbokka min-naħa tas-sebgħa ż-żgħir, bħallikieku kien qisu qed jagħti b'puntill. Ix-xhud qal biss illi Mark waqaf biss għaliex ra d-demm.

Meta ġie mistoqsi jekk Mizzi kellux xi argument ma' Mark Alwan qabel l-inċident in kwistjoni, ix-xhud qal illi waqt li kien l-isptar wara l-inċident, kien staqsa lil Franswa x'ġara, u dan qallu illi Mark kien ċempillu qabel telqu mill-*flat* ta' Vanissia. Madankollu, ix-xhud sostna illi mhux talli ma semax għajjat fuq it-telefon, iżda anqas biss induna li Franswa kellu telefonata. Ix-xhud innota illi Franswa kellu qasma f'rasu u f'idu u li kellu d-demm ħiereġ. Ix-xhud ma kienx

f'pożizzjoni illi jgħid x'ġara mis-sikkina, u lanqas ra lil Alwan jitlaq. Li seta' jgħid b'ċertezza kien illi Alwan reġa' lura fid-direzzjoni tal-Qbajjar, għaliex ix-xhud ma rahx għaddej 'l isfel. Huwa kien jaf illi Alwan kien darba joħroġ ma' tfajla bl-isem ta' Cristine, liema tfajla, wara li spiċċat ir-relazzjoni tagħha ma' Mark Alwan, kellha relazzjoni ma' Franswa. Minn din ir-relazzjoni twieldet ukoll tarbija, iżda r-relazzjoni ta' Franswa mal-istess Cristine kienet intemmet sal-ġuranta tal-inċident.

Ix-xhud **Franswa Mizzi**, qal illi dakinhar tal-inċident, hu kien ma' Derrick, Vanissia, u binthom, fi triqithom lejn id-dar ta' Derrick wara li kienu marru l-baħar. Ix-xhud spjega illi Vanissia bagħtet lilu u lil Derrick jixtru l-ħalib minn wieħed mill-ħwienet li hemm Marsalforn. Għall-ħabta tal-ħamsa u ħamsa u għoxrin minuta (5.25pm), ix-xhud qal illi rċieva telefonata min-numru 79216225, liema numru x-xhud għarfu bħala n-numru ta' Mark Alwan. Ix-xhud kompla jgħid illi din it-telefonata damet sebgħa u għoxrin sekonda, kif kien jirriżulta wkoll mil-*log*. Ix-xhud qal illi meta ċempillu, Alwan staqsieh jekk kienx messlu l-mutur, u, wara li qallu xi kliem ieħor, qata'. Ix-xhud qal illi hu u tiela mill-baħar, il-mutur ta' Mark kien rah ipparkjat quddiem id-dar ta' ħuh, iżda ma kienx messu.

Ix-xhud kompla jispjega illi lil Mark kien qed jistennieh, għaliex it-ton li kien kellmu bih kien ton ta' theddid, tant illi x-xhud sema' xi muturi għaddejjin u ħasibhom li kien hu. Meta eventwalment wasal Mark, ix-xhud qal illi Alwan niżel minn fuq mutur, mar quddiem

wiċċu, kellmu bi kliem vulgari, u tah daqqa ta' ponn f'wiċċu. F'dan il-punt, spjega x-xhud, is-sikkina kienet diġà f'idu iżda laqtu biss ftit biha. Hekk kif ix-xhud tah daqqa ta' ponn lura, Alwan beda jagħtih bis-sikkina. Ix-xhud qal illi s-sikkina kienet diġà f'idu x-xellugija waqt li kien għadu fuq il-mutur, iżda x'ħin niżel minn fuq il-mutur, is-sikkina tefagħha f'idu l-leminija u mar jheddu biha. Is-sikkina li kien qed juża kienet *butter knife* bis-snien u bil-manku kannella ċar, u kien qiegħed iżomm is-sikkina b'mod illi x-xafra kienet mis-sebgħa l-kbir 'il fuq. Ix-xhud iddeskriva l-moviment li kien qed jagħmel Alwan bis-sikkina bħallikieku kien qed jagħti bil-frosta, u qal illi ntlaqat f'rasu wara widintu tax-xellug, kif ukoll fuq il-polz tax-xellug, fuq in-naħa ta' fuq tal-minkeb tax-xellug, u n-naħa ta' isfel tal-ispalla. Ix-xhud qal illi kien biss x'ħin resqu n-nies lejhom illi waqaf Mark, li reġa kellmu b'mod vulgari, ħa s-sikkina miegħu u telaq. Ix-xhud spjega kif għamel il-flokk li kien liebes m'idu, filwaqt illi Derrick ċempel għall-ambulanza, u ġabu wkoll xi *tissues* mill-ħanut ta' Galea. Meta waslu l-Pulizija, ix-xhud indikalhom fejn kien joqgħod, u kien proprju dak il-ħin illi rawh għaddej ma' tnejn min-nies oħra. Ix-xhud qal illi l-Pulizija immedjatament ġabru lil Alwan fil-karozza, u kif waslet l-ambulanza, ix-xhud mar l-Isptar.

Ix-xhud qal illi lil Mark kien ilu jafu 'il fuq minn erba' snin. Meta ġie mistoqsi jekk għandux kwistjonijiet ma' Mark, ix-xhud qal illi kellu l-impressjoni li Mark kien ħadha kontrih għaliex ix-xhud kien rah isawwat lil tfajla, liema tfajla eventwalment temmet ir-relazzjoni tagħha m'Alwan u daħlet f'relazzjoni mal-vittma, bir-riżultat illi saħansitra kellhom tarbija. Ix-xhud ikkonferma illi sa dakinhar tal-

inċident, hu u l-istess tfajla ma kinux għadhom f'relazzjoni flimkien. Ix-xhud temm ix-xhieda tiegħu billi qal illi t-telefonata mingħand Mark kienet dwar il-mutur, u l-fatt illi kien sejjer għalih għaliex kien messlu l-mutur, filwaqt illi xehed ukoll illi fl-ebda ħin hu ma kien hedded lil Alwan.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI

Sabiex wieħed ikun jista' jitkellem minn responsabbilta` kriminali, wieħed irid iżomm f'moħħu r-rekwiżiti bażiċi dettati mill-massima legali *actus non facit reum, nisi mens sit rea*. Għall-fini ta' responsabbilta` kriminali, jeħtieġ li jkun hemm att ta' kommissjoni jew ommissjoni li minnu nniffsu huwa kontra l-liġi, u li jkun akkumpanjat minn xi forma ta' intenzjoni li kapaċi tattira s-sanzjonijiet penali. Hawnhekk ta' min jagħmel riferenza għal dak li jgħid il-Professur Anthony Mamo fin-noti tiegħu: *"The act alone does not amount to guilt: it must be accompanied by a guilty mind. That is to say, there are two conditions to be fulfilled before criminal responsibility can rightly be imposed, and we may conveniently distinguish these between as the material and formal conditions of liability. The material condition is the doing of some act by the person to be held liable. A man is to be accounted responsible only for what he himself does, not for what other persons do, or for events independent of human activity altogether. The formal condition, on the other hand, is the "mens rea" or guilty mind, with which the act is done. It is not enough that a man had done some act which, on account of its mischievous tendencies or results, the law*

*prohibits: before the law can justly punish the act, an enquiry must be made into the mental attitude of the doer."*[3]

**L-ewwel (1) imputazzjoni**

**Artikoli 41 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – Tentattiv ta' offiza gravi**

L-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Franswa Mizzi.

Artiklu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

> *41. (1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dan il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, jeħel, meta jinsab ħati, barra minn meta l-liġi tgħid espressament xort'oħra,*
> -
> *(a) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati, il-piena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew żewġ gradi*

Jinghad qabel xejn illi sabiex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."* (ara sentenza Il-**Pulizija vs Emanuel Zammit** deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

[3] Profs A.J. Mamo, *Lectures in Criminal Law*, Vol. I pg 56, Published by the Law Students Society.

Il-Qorti tosserva madankollu illi peress illi f'dan it-tip ta' reat, kif gie sottolinejat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dan jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid:

> *"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*[4]*"*

izda mbaghad izid:

> *"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."*

[4] Notes on Criminal Law

Illi wkoll f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-**Repubblika vs Domenic Briffa** deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

> "**Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu** *Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I* (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) Jghid f'pagna 79:
>
> "***Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che***

***contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo.***"

U kkonkludiet:

*"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles*

*qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok."*

Illi maghmula din l-esposizzjoni legali, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-fattispecje ta' dan il-kaz bil-ghan li jigi stabbilit jekk f'dan il-kaz tistax tirrizulta htija ghall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat. Illi kif diga nghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravissima l-prosekuzzjoni jinhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq Franswa Mizzi.

L-element materjali huwa evidentement sodisfatt fil-każ in eżami, u jikkonsisti f'dak kontemplat mill-artikoli 216 u 217 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Insibu illi l-artikolu 216 jgħid illi:

*L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin –*
*[...]*
*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż; [...]*

Kif spjegat il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Fortunato Sultana***[5], *"Skond l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, l-offiża fuq il-persuna hi gravi jekk, fost ċirkostanzi oħra, ġġib sfreġju fil-wiċċ.* ***Il-liġi ma tirrikjedix li dana l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari; sfreġju fil-wiċċ (jew fl-għonq jew f'waħda mill-idejn) anke ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet tal-imsemmija disposizzjoni.*** *Il-permanenza tal-isfreġju hi rilevanti biss meta abbinata mal-gravita', tagħti lok għal hekk imsejħa "offiża gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali."*

Il-vittma Franswa Mizzi stqarr fix-xhieda tiegħu illi Mark Alwan ferieh *"f'rasi wara widinti tax-xellug kif ukoll fuq il-polz tax-xellug [...] fuq in-naħa ta' fuq tal-minkeb tax-xellug, in-naħa ta' isfel tal-ispalla"*[6]. Jispjega wkoll ix-xhud Derrick Vella, *"Stajt ninnota li Francois kellu qasma f'rasu u f'idu u kellu d-demm ħiereġ."*[7] M'hemm ebda dubju illi l-ġrieħi illi sofra Franswa Mizzi jinkwadraw fl-offiża kontemplata mill-artikolu 216 tal-Kap. 9.

In oltre, ikompli jgħid ukoll l-artikolu 217:

> *L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħames xhur sa erba' snin jekk tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniġġeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodu jew jaħraq jew li hu korrożiv [...]*

[5] 5 ta' Frar 1998
[6] Xhieda mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2017 fl-atti tal-inkjesta
[7] Xhieda mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2017 fl-atti tal-inkjesta

Rigward l-arma illi ntużat minn Alwan, jispjega l-vittma, *"Is-sikkina kienet butter knife bis-snien u l-manku kien kannella ċar"*. Vella jixhed ukoll, *"Mark Alwan kellu sikkina li jekk niftakar sew kienet ta' lewn vjola u kienet f'id waħda tiegħu."* Jirriżulta mix-xhieda mismugħa, għalhekk, illi l-arma wżata minn Alwan kienet waħda li taqa' wkoll fil-parametri tal-artikolu 217.

Rigward l-element formali tal-offiżi kontemplati mill-artikolu 216, 217 u 218 tal-Kap. 9, jispjega l-Profs Mamo:

> *To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the 'animus nocendi', the generic intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted. [...]*
>
> *Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu".*[8]

Ix-xhieda ta' Franswa Mizzi u ta' Derrick Vella titfa' dawl fuq l-intenzjoni illi kellu Alwan meta avviċinahom nhar it-30 ta' Ġunju 2017. Il-vittma xehed illi wara t-telefonata li rċieva mingħand

[8] Profs A.J. Mamo, *Lectures in Criminal Law*, Vol. II pg 225, Published by the Law Students Society.

Alwan, *"Ngħid li jiena lil Mark kont qed nistennieh għaliex mit-ton li kien kellemni bih kien ton ta' theddid."* Saħansitra qabel inqalgħet il-ġlieda bejn Mizzi u Alwan, il-vittma kien diġà qed jipprevedi illi Alwan kien sejjer jikkonfrontah. Meta resaq lejn il-vittma, kien diġà bis-sikkina f'idu, punt illi jikkonferma illi l-feriment ta' Mizzi kien, fil-fatt, premeditat.[9]

Anke l-mod kif irreaġixxa Alwan bl-arma f'idu, hija indikattiva tal-intenzjoni illi kellu sabiex jikkawża ġrieħi lil Franswa Mizzi. Jixhed Derrick Vella, *"Mark ma bediex ixejjer is-sikkina, iżda beda jagħti biha lil Francois bin-naħa tax-xafra bħallikieku kien qisu qed jagħti b'puntill"*[10], u jixhed ukoll Franswa Mizzi, *"Hu beda jagħtini bis-sikkina l-istess bħal meta xi ħadd ikun qiegħed isawwat bi frosta."*[11] Minn analiżi tax-xhieda, jidher għalhekk illi l-element formali rikjest mill-offiżi kontemplati fl-artikoli 216 u 217 tal-Kap. 9 ġie wkoll sodisfatt.

**<u>It-tieni (2) imputazzjoni</u>**

**Art. 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – ferita ta' natura hafifa**

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fejn intqal:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda**

[9] Ara x-xhieda ta' Franswa Mizzi: *"Is-sikkina kienet diġa' f'idu x-xellugija x'ħin hu kien għadu għaddej fuq il-mutur. X'ħin niħel minn fuq il-mutur, is-sikkina tefagħha f'idu l-leminija u ġie jheddidni biha."*

[10] Xhieda ta' Derrick Vella, mogħtija 30 ta' Ġunju 2017 fl-atti tal-inkjesta

[11] Xhieda ta' Francois Mizzi, mogħtija 30 ta' Ġunju 2017 fl-atti tal-inkjesta

**ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Il-prosekuzzjoni pprezentat certifikat mediku (*a fol.* 16) tal-process fejn Dottor Julian Portelli ccertifika li Franswa Mizzi kien qieghed isofri minn griehi hfief.

Fix-xhieda tieghu ix-xhud **Dottor Julian Portelli**[12] spjega:

*Dan eżaminajtu jien fit-tletin (30) ta' Ġunju hekk għas-sitta u nofs ta' filgħaxija (~6:30pm) fl-Emerġenza tal-Isptar ta' Għawdex. Fl-ewwel eżami sibtlu tbenġil taħt lgħajn tax-xellug. Kellu laceration wound fuq il-widna tax-xellug. Kellu laceration wound oħra fuq il-left parietal area tar-ras. Laceration wound oħra fuq ir-*

[12] Seduta tal-5 ta' Ottubru 2017

*wrist. Imbagħad kellu xi brix fuq in-naħa ta' fuq tal-id u fuq il-posterior, in-naħa ta' wara tal-elbow, jiġifieri dejjem fuq ix-xellug qegħdin ngħidu. Jien iċċertifikajthom slight save complicaitons.*

Il-Qorti tinnota li fis-seduta tat-13 ta' Frar 2018 Franswa Mizzi hafer lill-imputat u qal li hu kull ma hu interessat jithalla fil-kwiet u m'ghandux interess fi proceduri kriminali u qieghed jirrinunzja ghal dak rinunzjabbli.

Ghalhekk il-Qorti mhux se tiehu aktar konjizzjoni ta' din l-akkuza u fil-konfront taghha tiddikjara procediment ezawrit.

**<u>It-tielet (3) imputazzjoni</u>**
**<u>Akkuza marbuta mas-sikkina</u>**

B'din l-imputazzjoni l-imputat qieghed ikun mixli li kiser artikolu 6 tal-Kap 480 l-Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta. Huma rilevanti wkoll ghal fini ta' piena artikoli 51 (7) u artikolu 56 tal-istess Att:

*6. Salvi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju.*

*51 (7) Kull min jikser l-artikolu 6 jew 21 ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċentezmu (116.47).*

*9) Kull min jikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att ikun ħati ta' reat u, sakemm ma jkunx hemm provduta piena iżjed ħarxa taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra, jista' jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*

*56. Il-Qorti għandha tordna l-konfiska ta' arma regolari jew munizzjon li jkunu qed jinżammu jew jinġarru, jiġu akkwistati jew ikunu fil-pussess, jiġu importati jew esportati, mibjugħin jew trasferiti bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att bħala konsegwenza tal-piena għal dak il-ksur.*

Illi l-Prosekuzzjoni bix-xhieda li nghatat minn Franswa Mizzi u Derrick Vella irnexxielha tipprova l-elementi ta' dan ir-reat u se tinstab htija dwarhom.

**Ir-raba' (4) imputazzjoni**
**Artikolu 249 – Theddid**

L-imputat bir-raba' imputazzjoni jinsab mixli li kiser Artikolu 249 li jitratta t-theddid u dan minhabba t-telefonata li kien hemm bejn il-vittma u l-imputat. Il-Qorti se tqis din l-imputazzjoni bhala komprisa fis-sitt imputazzjoni.

Artikolu 249 jiprovdi:

*249. (1) Kull min bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tiegħu nnifsu jew b'isem maħluq, jhedded lil ħaddieħor b'xi delitt, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur:*

*2) Kemm-il darba flimkien mat-theddid, ukoll **fil-każ ta' theddid bil-fomm, ikun hemm ordni jew kondizzjoni**, l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) biż- żieda tal-multa.*
*(3) Barra minn dan il-qorti tordna li l-ħati jġib il-pleġġerija jew jagħti l-obbligazzjoni msemmija fl-artikoli 383, 384 u 385.* (enfasi tal-Qorti).

**Il-hames (5) imputazzjoni**
**Artikolu 338(dd) – Ksur tal-ordni pubbliku**

Rigward din l-imputazzjoni, fis-sentenza mohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999, fl-ismijiet Il-**Pulizija versus Maria Concetta Green**[13] inghad:

*"L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm*

[13] Volum LXXXIII Part IV paġina 441

*ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

*L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali."*

Issa, kif gie spjegat fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Busuttil** deciz fit-23 ta' Gunju 1994 dwar ir-reat ta' ksur ta' bon ordni[14]:

**"Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil-*common law* Ingliza kien jissejjah *'a breach of the peace'*. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kuncett Ingliz ta' *'a breach of the peace'* tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet <u>Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et.</u>, kien qal hekk:**

[14] Vol. LXXVIII.v.277.

*'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'* (Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).

A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza migbura fl-artikolu intitolat *'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order'* pubblikat fil-Vol. X ta' *The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983)* pagna 13 *et seq.*, u specjalment pagni 28 sa 31. B'zieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wiehed jista' jghid li r-reat ta' *'breach of the peace'* fil-ligi Skocciza jirrikjedi ukoll certu element, imqar f'ammont zghir hafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb taghhom *'Scots Criminal Law', Edinburgh, Butterworths, 1992)*:

*'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it*

*will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p. 192).*

**Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz, Gerald H. Gordon, fit-*test* awtorevoli tieghu *'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978)*:**

*'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p. 985, para. 41-01).*

**U aktar 'il quddiem l-istess awtur jghid:**

*'…. Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01).*

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri** deciz fl-24 ta' Mejju 1996, il-Qorti ziedet tghid hekk:

**"Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta' ekwivoci li l-kuncett ta'** ***'breach of the peace'*** **kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa' minn kif gie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom** ***'Criminal Law' (Edinburgh, Sweet & Maxwell, 1992),*** **b'referenza ghal-ligi Skocciza in materja:**

***'While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of-the-peace-type phrase, such as 'doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance', this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited***

***fashion than is currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so' (p. 295).***

**Il-kuncett Ingliz ta'** ***'breach of the peace'*** **li, kif inghad, il-Qrati taghna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tieghu** ***'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987)*** **hekk:**

***'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell …. Watkins L.J. said: '…. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).***

**Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li <u>oggettivament</u> inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib."[15]**

Fil-fatt fis-sentenza, **Il-Pulizija v. Marianne Abela et** moghtija fil-25 ta' Lulju 1984, intqal:

**"... dan l-artikolu 352(bb) gie kostantement interpretat minn din il-Qorti (ara *Pulizija vs Donald Zahra*, 19 ta' April 1950 Kollez. Dec. Vol. XXXIV.iv.968 u s-sentenzi hemm citati) li jikkontempla fatti li jnehhu jew inaqqsu lic-cittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individwali u ghalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taht cirkostanzi tali li direttament jew indirettament jistghu jikkonducu ghal reati ohrajn kontra l-persuni u s-semplici argumentar b'lehen gholi u xi ftit b'eccitazzjoni, ma jiksirx il-ligi."**

[15] Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Alfred Pisani**, 5 ta' Mejju 1995; **Il-Pulizija v. Pio Galea**, 17 ta' Ottubru 1997; **Il-Pulizija v. Andrea Galea et**, 30 ta' Gunju 1998

Il-Qorti temmen li l-grad tal-prova milhuq mill-Prosekuzzjoni huwa sufficjenti fil-kamp penali biex twassal ghall-htija tieghu dwar din l-imputazzjoni.

**Is-sitt (6) imputazzjoni**

**Akkuza marbuta mal-Kap 399[16]**

Illi l-akkuza migjuba kontra l-imputat taqa' taht dak dispost fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din id-disposizzjoni tal-ligi dahlet fis-sehh in segwitu ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Etienne Calleja** fejn hemmhekk l-imputat f'dik il-kawza kien gie akkuzat a tenur tal-artikolu 48(1)(d) tal-istess Ligi. Il-Qorti ma taqbilx li l-ligi fl-artikolu 49(c) qed tikkontempla sitwazzjoni simili ghal dik ikkontemplata l-artikolu 48. Hawnhekk il-ligi qed tikkontempla sitwazzjoni differenti fejn persuna taghmel uzu mit-telefon mhux biss fis-sens illi l-uzu ikun wiehed mhux awtorizzat jew mhux teknikament korrett ecc, kif inkwadrat f'dik id-disposizzjoni tal-ligi, izda qed jikkontempla sitwazzjoni ohra fejn persuna issa qed tuza t-telefon taghha biex thedded, taghmel estorsjoni, timmalafama u tingurja persuna ohra u li taghmel kwalunkwe uzu iehor mhux xieraq.

[16] Il-Prosekuzzjoni fl-akkuzi originali juzaw il-kliem mehud mill-Kap 399 izda mbaghad jghidu li l-imputat kiser l-Artikolu 35(1)(D) tal-Kapitolu 330 meta fil-Ligijiet ta' Malta m'hemmx Kapitolu 399.

Din id-dicitura hija ben differenti minn dak ikkontemplat fl-artikolu 48 fejn il-kliem uzat huwa "uzu mhux b'mod kif imiss." Kien dan l-iskop tal-legislatur meta dahlet dina l-emenda fil-ligi permezz tal-Att XXX tal-2007.

Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat intenzjonalment uza l-apparat tal-mobile tieghu sabiex jaghmel uzu mhux xieraq bl-istess fis-sens illi hedded lil Franswa Mizzi.

Il-Qorti ikkunsidrat x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur u x'ried partikolarment ifisser bil-kliem 'uzu iehor mhux xieraq' fejn fis-seduta tal-Parlament 'Laqgha nru. 117, ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2007 intqal:

> "DR PETER GRECH: Bħalissa fil-liġi hemm l-istess pieni, l-istess kappa ħlief subparagrafi (a) (b) u (c). Bħalissa r-reat huwa li wieħed jagħmel improper use minn apparat ta' komunikazzjoni elettronika. **Dan dejjem ftiehem li l-improper use huwa dawn l-affarijiet li hawn fil-paragrafi (a), (b) u (c) jiġifieri li wieħed juża apparat biex jhedded lil ħaddieħor, biex jestorċi flus, iġiegħel lil ħaddieħor jagħmel xi ħaġa illegali jew biex jagħmel harrassing, biex idejjaq lil ħaddieħor.**
>
> [...]
>
> DR PETER GRECH: Issa li ġara huwa **nqalgħet diffikulta' fil-qorti dwar xi tfisser improper use.** Fil-fatt kien hemm sentenza li jekk telephone użajtu bħala telephone qatt ma

> nista' nkun għamilt improper use tat-telephone anke jekk użajtu biex indejjaq lil xi ħadd. Il-bżonn ta' din l-emenda nqala' minħabba dan, biex niċċaraw x'ifisser improper use. **Tħalliet il-klawsola ġenerali "or makes any other improper use thereof" imma ġie iżjed speċifikat x'ifisser l-improper use, x'għandu jiġi projbit, li tuża aparat elettronika għal dawn l-iskopijiet imsemmija.**" (enfasi tal-Qorti)

Min dan johrog illi l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-frazi "uzu iehor mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il-kappa tax-xemx, maghdua kull offiza, insult jew kelma zejda, izda ghandha tigi **interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti.** Illi l-Ezekuttiv ghazel b'mod espress illi sa anke jelimina l-fastidju minn taht il-kappa ta' "uzu iehor mhux xieraq" tant li dan is-sub-paragrafu propost ma nghatax il-barka mill-Legislatur u gie eliminat: *"(c) pursues a course of conduct which amounts to harassment of another person or which he knows or ought to know amounts to harassment of another person;"*

Illi n-nota fil-margni tal-artikolu 49 tal-Kap 399 tkompli taghti sostenn ghall-intepretazzjoni moghtija mill-esponenti tal-intenzjoni tal-legislatur:

> 'Użu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika **biex isir theddid.**' (enfasi tal-Qorti).

Dwar l-akkuza ta' theddid permezz ta' uzu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika, fis-sentenza moghtija tat-12 ta' Gunju, 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija vs Joseph Gauci** il-Qorti trattat dwar l-elementi tar-reat ta' theddid u kkonkludiet propju illi:

> 'Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor – **xi forma ta' hsara ingusta fil-futur** (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv.'[17] (enfasi tal-Qorti)

Mix-xhieda hareg li l-vittma xehed illi wara t-telefonata li rċieva mingħand Alwan, *"Ngħid li jiena lil Mark kont qed nistennieh għaliex mit-ton li kien kellemni bih kien ton ta' theddid."* Saħansitra qabel inqalgħet il-ġlieda bejn Mizzi u Alwan, il-vittma kien diġà qed jipprevedi illi Alwan kien sejjer jikkonfrontah. Meta resaq lejn il-vittma, kien diġà bis-sikkina f'idu, punt illi jikkonferma illi l-feriment ta' Mizzi kien, fil-fatt, premeditat.[18]

**<u>Is-seba' (7) u tmien (8) imputazzjoni</u>**

**<u>Sewqan bla licenzja u assigurazzjoni</u>**

Il-Qorti tibda biex tirrileva li kien dover tal-imputat li qabel ma jibda jsuq il-mutur in kwistjoni <u>jaċċerta ruħu</u> li hu kellu licenzja biex

---

[17] Qorti tal-Appell Kriminali, il-Pulizija vs Joseph Gauci, 12 ta' Gunju, 2003.

[18] Ara x-xhieda ta' Francois Mizzi: *"Is-sikkina kienet diġa' f'idu x-xellugija x'ħin hu kien għadu għaddej fuq il-mutur. X'ħin niħel minn fuq il-mutur, is-sikkina tefagħha f'idu l-leminija u ġie jheddidni biha."*

isuq l-istess mutur, li l-mutur kien kopert minn liċenzja maħruġa mill-awtorità kompetenti sabiex jinstaq fit-triq. Is-sewwieq kien konsapevoli li ma kellux licenzja biex isuq il-mutur u ghalhekk ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni, konsapevolment assuma r-riskju li ma kienx hekk kopert. F'dan il-kaz każ ma kienx hemm dubju, u s-sewwieq ma kellux juza l-mutur.

Bix-xhieda li nghatat mir-rapprezentant ta' Transport Malta f'dawn il-proceduri jirrizulta li l-imputat ma kellux licenzja biex isuq il-mutur u ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni.

**<u>Id-disa' (9) imputazzjoni</u>**
**<u>Ksur ta' Ordni 1 ta' Frar 2017</u>**

L-imputat jinsab akkuzat li "kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena b'sentenza moghtija nhar l-1 ta' Frar 2017 (*a fol.* 69 *et seq*.) mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), liema sentenza hija definitiva u ma tistax tinbidel".

Din is-sentenza kienet appellata mill-Avukat Generali u b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-Gimgha 17 ta' Novembru 2017 moghtija mil-Prim Imhallef Silvio Camilleri bidel is-sentenza billi ikkundanna lill-imputat piena ta' tmien xhur prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' erbat elef ewro (€4000) pagabbli fi zmien sitt xhur u li jigu konvertiti fi prigunerija ghal zmien hames xhur fin-nuqqas ta' pagament. Ghalhekk din il-Qorti invista ta' din is-sentenza tal-Qorti

tal-Appell Kriminali se tastjeni milli tiehu aktar kunsiderazzjoni ta' din l-imputazzjoni.

**L-ghaxar (10) imputazzjoni**
**Ksur ta' Ordni tal-15 ta' Frar 2016**

L-imputat jinsab mixli wkoll li kiser Ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti fil-15 ta' Frar 2016 (*a fol.* 64 *et seq*.) fejn l-imputat kellu kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn. F'din is-sentenza l-imputat kien immultat ukoll multa. Din il-Qorti se titratta biss mal-imputat dwar il-ksur tal-Probation. L-akkuzi li kien mixli bihom dakinhar kien dak dwar hsara volontarja bi ksur tal-artikolu 325(1)(d) tal-Kap 9, liema hsara ma taqbizx it-tlieta u ghoxrin ewro u disa' u ghoxrin centezmu (€23.29) u htija dwar numru ta' kontravenzjonijiet (Art. 338(bb), Art. 338(dd), Art. 338(ee), Art. 338(ff), Art. 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti se titratta mal-imputat dwar dan il-ksur u se jkun ikkundannat ghar-reati originali b'piena komplessiva ta' tliet (3) xhur prigunerija.

**Il-hdax (11) imputazzjoni**
**Ricediva**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Paul Abela**' deciza nhar l-10 ta' Settembru, 2004 fejn il-Qorti fakkret illi:

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is- sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza ohra tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Grech**' deciza nhar it-28 ta' Gunju, 2017 per Onor. Imhallef Edwina Grima fejn il-Qorti ghallmet illi fl-eventwalita li l-piena mposta fuq l-imputat permezz ta' sentenza precedenti kienet dik ta' multa, *"Sabiex allura id-decizjoni tista tintuza ai fini ta' recidivita' kif mahsub fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jenhtieg li issir il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa."*

F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) deciza fil-15 ta' Frar 2016 (*a fol.* 64 *et seq*.) fejn l-imputat kien gie kundannat multa ta' tmien mitt ewro (€800) u ohra mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) moghtija minn din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 66 *et seq*.) fejn l-imputat kien gie

kundannat multa ta' tmien mitt ewro (€800). Fiz-zewg kazijiet ma ngabitx prova mill-Prosekuzzjoni li l-imputat kien hallas dawn il-multi u ghalhekk invista ma dak li ntqal aktar 'il fuq il-Qorti ma tistax issibu hati ta' ricediva.

**Il-Qorti terga' ttenni li hemm bzonn intervent legislattiv li ma jkunx ippremjat min ma jimxix mas-sentenza li tkun inghatat fil-konfront tieghu u ma jkunx hallas il-multa. Il-Prosekuzzjoni ghandha tara li fejn ikun hemm multi impost ghandhom ikunu esebiti l-ircevuti tal-hlas li jkun sar, il-bqija ta' xejn jitolbu li l-imputat ikun addebitat ir-ricediva meta jafu li l-Qorti ma tistax taghmel dan. Konsegwentement l-akkuza dwar ir-recidiva ma tirrizultax.**

**KONKLUZZJONIJIET**

Għaldaqstant, fid-dawl tal-provi u tal-konstatazzjonijiet hawn magħmula, l-imputat Mark Luigi Alwan se jinstab hati talli nhar it-tletin (30) ta' Ġunju 2017 f'Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, wettaq tentattiv ta' ferita gravi, bi ksur tal-artikoli 216 u 217 tal-Kodici Kriminali lil Franswa Mizzi bi strument li jaqta' u bil-ponta. L-imputat se jinstab hati wkoll dwar l-artikolu 6 tal-Kap. 480 u cioe' li kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta' u bil-ponta barra minn fond jew id-dintorni tiegħu u dan mingħajr licenzja jew permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Bħalma qalet il-Qorti Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deċiż fit-30 ta' Lulju 2004:

> **"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkażjoni diversi drabi li tfisser li, bħala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-piena għandha tkun dik ta' priġunerija <u>b'effett immedjat</u>. Il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deċiżiv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jiġi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruħha f'xi forma ta' vjolenza fiżika."**

L-imputat se jinstab hati wkoll tal-akkuzi ta' theddid, ksur ta' bon ordni, uzu hazin ta' mezzi ta' komunikazzjoni u akkuzi marbuta ma' nuqqas ta' licenzja tas-sewqan u nuqqas ta' polza ta' assikurazzjoni fil-konfront ta' terzi.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat Artikoli 41(1)(a), 216, 217, 249, 338(dd), 49, 50, Artikoli 6, 51 (7)(9), 57 tal-Kap 480, Art 48(1)(d) tal-Kap 399, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104, Artikolu 23(1)(a)(2)(4) tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) imputazzjoni ghaliex kien hemm rinunzja mill-parte civile u

ghalhekk kien dikjarat procediment ezawrit[19], ma ssibux hati tad-disa' (9) u hdax (11)-il imputazzjoni u minnhom tilliberah, issib lill-istess imputat ħati tal-ewwel(1), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tat-tmien (8) u tal-ghaxar (10) imputazzjoni migjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija u multa komplessiva ta' tliet (3) elef Euro (€3000.00) u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

*In oltre*, b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni skont id-digriet hawn anness fil-konfront ta' Franswa Mizzi ghal tliet (3) snin millum.

Fl-ahharnett il-Qorti wara li rat Artikolu 533 tal-Kap 9 ma taqbilx li tikkundanna lill-hati l-ispejjez peritali[20] u dan ghaliex kif jirrizulta mill-atti tal-kawza mill-bidu nett il-vittma kien dikjarat li kellu griehi ta' natura hafifa, il-protagonisti kienu maghrufa u ma kienx hemm bzonn li jinhatar espert ghad-DNA.

Li kieku l-imputat ikun ordnat ihallas l-ispejjas, l-ispejjez Eur3,043.21 u ma jithallsux ikun ifisser li jekk ikunu konvertiti fi

[19] Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2018 Franswa Mizzi hafer lill-imputat u qal li hu kull ma hu interessat jithalla fil-kwiet u m'ghandux interess fi proceduri kriminali u qieghed jirrinunzja ghal dak rinunzjabbli. Ghalhekk il-Qorti mhux se tiehu aktar konjizzjoni ta' din l-akkuza u fil-konfront taghha tiddikjara procediment ezawrit.

[20] 5.10.2017 Relazzjoni ta' PC 60 John Grima Eur 21, Relazzjoni ta' PC 60 John Grima Eur 191.29; 16.11.2017 Dr Marisa Cassar – Eur2286.84; 16.11.2017 Dr Jean Paul Grech Eur245.18; 31.5.2018 Dr Marisa Cassar Eur 298.90 **Total**: Eur3,043.21

prigunerija bir-rata[21] ta' €11.65 kuljum ikun irid jaghmel 261 jum prigunerija.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[21] Filwaqt li multa tkun konvertita bir-rata ta' €35 ghal kuljum u hemm threshold, fejn jidhol spejjez peritali dawn ikunu konvertiti bir-rata ta' €11.65 bla threshold. Din hi anomalija serja hafna b'konsegwenzi serji ghall-individwu.